Mario Lungaro

Vs

Direct Vision, li permezz ta' digriet datat 5 ta' Marzu 2024 l-okkju gie korrett ghal JIS Group Ltd (C76015)

CCT 200/23/CC

Illum 30 ta' April 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fis-6 ta' Novembru 2023, fejn talab hlas ta' l-ammont ta' €529 (hames mija u disa' u ghoxrin ewro) rapprezentanti ammont imhallas minnu ghal *Xiaomi Roborock S6 MaxV robot* u *vacuum cleaner,* liema apparat zviluppa hsara u waqaf jiffunzjona.

Ra li s-socjeta intimata JIS Group Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta relattiva, fejn opponiet it-talba avvanzata mir-rikorrenti, ghar-ragunijiet elenkati fir-risposta.

Illi fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi, deheru l-partijiet li ddeponew *viva voce.*

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-partijiet jixhdu bil-gurament fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2024.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li f'Dicembru 2021 r-rikorrenti xtara minghand is-socjeta intimata *Xiaomi Roborock S6 MaxV robot* u *vacuum cleaner,* li wara madwar sitt xhur zviluppa hsara. Effettivament, meta l-apparat gie verifikat mis-socjeta intimata, rrizulta li kien mehtieg *software update*, u sussegwentement hadem tajjeb.

F'Lulju 2023 l-apparat rega ma ffunzjonax, u jirrizulta li r-rikorrenti avvicinat lid-Dipartiment tal-Konsumatur, fejn intbaghtet email lis-socjeta intimata, liema email ma intwegbitx. In segwitu, l-apparat gie ritornat lis-socjeta intimata, fejn

mill-provi prodotti rrizulta li l-apparat kellu hsara fid-*dock* - liema hsara giet imsewwija gratuitament mis-socjeta intimata. Is-socjeta intimata tispjega li tali hsara hija kompatibbli ma' vultagg mhux konsistenti fis-sistema tad-dawl. Da parti tieghu r-rikorrenti jispjega li d-dar tieghu hija maghmmra b'sistema ta' 'over and under' b'dan li fl-eventwalita ta' vultagg eccessiv, s-sistema tad-dawl taqta' immedjatament.

Ir-rikorrenti jispjega li hekk kif gie ritornat l-apparat, dan rega' ma bediex jahdem, u ghalhekk qed jitlob li jigi rifuz l-ammont ta' €529 (hames mija u disa' u ghoxrin ewro), u jirritorna x-*Xiaomi Roborock S6 MaxV robot* u *vacuum cleaner* lis-socjeta intimata.

Illi r-rikorrenti ipproduca fl-atti ta' dawn il-proceduri d-dokumentazzjoni riferuta fix-xhieda tieghu, kif ukoll il-prova tal-hlas ta' l-ammont ta' €529 (hames mija u disa' u ghoxrin ewro).

Illi t-Tribunal, minn analizi tal-provi prodotti mill-partijiet, u wara li sema' lil lil partijiet jixhdu fl-atti ta' dawn il-proceduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mir-rikorrent hija gustifikata u ghandha timmerita konferma.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li r-rikorrent irnexxielu jipprova l-istanza tieghu sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnu ghandha tigi milqugha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba avvanzata mir-rikorrent, u jordna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' €529 (hames mija u disa' u ghoxrin ewro), u r-rikorrenti ghandu jirritorna x-*Xiaomi Roborock S6 MaxV robot* u *vacuum cleaner* lis-socjeta intimata hekk kif jircievi l-hlas.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru